20 ta' Mejju, 1946.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Joseph M. Vella *versus* Antonio Buttigieg pr. et ne.

**Ċitazzjoni — Kawżali — Appell — "Jus Superveniens".**

*It-teorija tal-"Jus Superveniens" hija applikabili meta l-kawża tibqa' ukwadrata kif tkun magħmula, bl-oġġett u l-kawżali li jkollha, imma ma tistax ikollha l-effett li tbiddel il-kawżali taċ-ċitazzjoni.*

*Meta t-talba ta' l-attur tiġi milqugħa fuq waħda mill-kawżalijiet u mhux ukoll fuq il-kawżalijiet l-oħra, u l-attur ma jappellax, huwa però fl-appell li jagħmel l-avversarju għandu dritt jikkumbattih anki fuq dawk il-kawżalijiet l-oħra, avvolja ma jkunx għamel appell inċidentali, sakemm ma jkunx hemm ġudikat kontra tiegħu fuq dawk il-kawżalijiet.*

*L-appellat, biex jiddefendi t-teżi tiegħu u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, jista' jġib raġunijiet ġodda quddiem il-Qorti ta' l-Appell.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremetta illi l-

attur fis-sena 1912, per mezz ta' skrittura privata kera lill-konvenut sa ma jsir l-armistizju l-post nru. 114, Bishop Street, Valletta, li bih kellu *jisserva bhala lok ta' depożitu* u bil-projbizzjoni espressa li jikrieh lil hadd iehor ghall-kummerċ; u billi l-konvenut dan l-ahhar issullokа l-fond ghall-kummerċ u biddillu d-destinazzjoni tiegħu, u b'hekk irrenda ruħu inadempjent; u billi l-konvenut ma kienx puntwal, anzi baqa' diversi drabi moruż fil-ħlas tal-kera; talab :— (1) Li jiġi dikjarata riżoluta l-lokazzjoni fuq imsemmija; (2) u li l-konvenut jiġi żgumbrat mill-fond fi żmien qasir u perentorju. B'riżerva ta' drittijiet oħra u bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tal-21 ta' April 1945, *kontra l-konvenut;*

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi l-lokazzjoni ma saretx bi skrittura privata, u għalhekk ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti huma ta' rilokazzjoni, u għalhekk dik il-Qorti mhijiex kompetenti; illi huwa ma rrendiex ruħu inadempjenti għall-obligi minnu assunti;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-31 ta' Jannar 1946, fejn irrespinġiet *l-eċċezzjoni preliminari u ddikjarat li hija kompetenti biex* tieħu konjizzjoni tat-talbiet, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, laqgħet l-ewwel talba għar-raġunijiet indikati fis-sentenza, u laqgħet ukoll it-tieni talba u tat lill-konvenut żmien xahrejn biex jiżgombra, u ordnat illi l-ispejjeż ikunu mingħajr taxxa u d-dritt tar-reġistru jitħallas mill-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi t-talba hija bażata fuq inadempjenza tal-konvenut mill-obligi minnu assunti, u għalhekk il-Qorti hija kompetenti; illi fil-meritu fuq in-nuqqas ta' puntwalità ma ġiex pruvat *biżżejjed; illi ġie pruvat li kien hemm skrittura bejn il-partijiet;* illi ma ġiex pruvat biżżejjed li l-fond kellu jkun użat bħala depożitu; illi kien hemm id-divjet tas-sullokazzjoni peress illi l-fond inkera biss għaż-żmien tal-gwerra, dan jirriżulta mill-fatt illi l-attur ħalla fil-post mal-ħajt pjanċa tal-kummerċ tiegħu li kien jeżerċita; illi minħabba l-prinċipju "jus superveniens firmat actionem et exceptionem", u peress il-gwerra spiċċat, l-attur għandu wkoll dritt jieħu lura l-post;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata fejn laqgħet l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attur u in kwantu kkundannat lill-appellat iħallas l-ispejjeż tiegħu u d-dritt tar-registru, u jiġi deċiż għar-rigett ta' dawk iż-żewġ talbiet bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi eżaminata f'din il-ka.. za hija jekk bejn il-partijiet kienx hemm skrittura, għalie mentri l-attur xehed illi dik l-iskrittura mhux biss saret iżda ġiet firmata bejn il-partijiet, il-konvenut jinnega assolutament dan il-fatt. L-attur però fuq dan ġie korroborat mill-P.L. Tua, li huwa xhud diżinteressat, li qal .......... Għalhekk l-attur ipprova li kien hemm skrittura, li hu ma setax jipproduċi peress li tilifha:

Tikkunsidra;

Illi fuq il-kontenut ta' l-iskrittura privata jirriżulta anki mix-xhieda tal-P.L. Tua illi kien hemm kondizzjoni illi l-lokazzjoni saret għal żmien il-gwerra, ċjoè sa xahar wara l-armistizju, kif jirriżulta anki minn provi oħra, u li t-tabella ta' l-attur kellha tibqa' fil-post muwaħħla mal-ħajt, għaliex l-attur ried imur lura fil-post; kien hemm anki l-projbizzjoni tas-sullokazzjoni. Jekk kienx hemm il-kondizzjoni illi l-post għandu jiġi użat bħala depożitu jkun eżaminat iżjed 'il quddiem;

Tikkunsidra;

Illi fuq id-divjet tas-sullokazzjoni l-Ewwel Qorti rriteniet illi l-konvenut huwa inadempjent għax issulloka lill-Bank Credit Foncier. Iżda skond il-G.N. 57 ta' l-1941 u dik nru. 552 ta' l-1942 l-inkwilin seta' jissulloka mingħajr ma jaqa' fid-dekadenza mill-lokazzjoni, għalkemm kien hemm il-patt espress li ma għandux jissulloka. Din, kif inhu magħruf, hija liġi ta' emerġenza, u għalhekk il-fatt li l-konvenut issulloka ma jistax jirrendieh inadempjent minħabba dik id-dispensa leġislativa;

Tikkunsidra;

Illi l-appellant jilmenta wkoll illi l-Ewwel Qorti applikat

għal dan il-każ it-teorija tal-"Jus Superveniens". Dan il-gravam jidher bażat; għaliex il-"Jus superveniens" huwa applikabili *meta l-kawża tilqa' inkwadrata kif tkun magħmula* bl-oġġett u l-kawżali li jkollha; iżda dik it-teorija ma tkunx tista' jkollha dan l-effett straordinarju mill-lat *proċedurali* li tbiddel il-kawżali taċ-ċitazzjoni. Issa f'dan il-każ l-attur talab ixxoljiment tal-lokazzjoni għaliex il-konvenut issulloka l-post, *għaliex biddel id-destinazzjoni tiegħu, u għaliex baqa' moruż* diversi drabi fil-ħlas tal-kera; għalhekk tajjeb issottometta l-appellant illi l-akkoljiment *tat-talbiet* kellu neċessarjament isir fuq waħda jew l-oħra ta' dawk il-kawżalijiet, iżda qatt fuq il-fatt illi fil-mori tal-ġudizzju spiċċa ż-żmien tal-kuntratt, ħaġa li ma tidherx mitluba, u li ma setgħetx tiġi mitluba għal raġunijiet evidenti;

Għalhekk it-teorija tal-"jus superveniens" hija inapplikabili għal dan il-każ;

Tikkunsidra;

Illi l-appellant issottometta wkoll illi la darba l-attur ma appellax ma jistax issa, f'dana l-istadju, imur fuq il-kawżalijiet miġjuba *fiċ-ċitazzjoni, ċjoè* dawk tal-kambjament fid-destinazzjoni tal-fond u tal-morożità. Iżda dan huwa minngħajr bażi ġuridika, għaliex la darba l-istanza tiegħu ġiet milqugħa mil-Qorti għal waħda minn dawk ir-raġunijiet, dik tassullokazzjoni, għalkemm fuq il-kawżalijiet l-oħra l-Ewwel Qorti fil-motivazzjoni irriteniet li mhumiex pruvati biżżejjed, l-appellant għandu d-dritt f'appell li għamel l-avversarju li jikkumbattih f'dina l-istanza anki fuq dawk ir-raġunijiet. Dan ma kienx jista' jagħmlu l-appellat, u allura f'dak il-każ appell inċidentali da parti tiegħu kien ikun meħtieġ, kieku l-Ewwel Qorti għamlet id-dikjarazzjoni espressa fis-sentenza *fejn irrespinġiet dawk ir-raġunijiet*, għaliex allura kien jiġi d-dubju fondat jekk hemmx ġudikat kontra tiegħu b'dawk id-dikjarazzjonijiet; iżda f'dan il-każ ma *hemm* xejn ħlief il-kliem użwali fil-parti dispożitiva tas-sentenza, illi tilqa' l-ewwel talba għar-raġunijiet indikati fis-sentenza. Tant huwa hekk illi hija ħaġa notorja illi l-appellat, biex jiddefendi t-teżi tiegħu u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, jista' jġib raġunijiet

ġodda quddiem din il-Qorti;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk huwa meħtieġ jiġi eżaminat jekk l-appellant biddelx l-użu fid-destinazzjoni ta' dan il-post. Il-P.L. Tua xehed li għandu l-impressjoni illi l-appellant kellu jużа l-post bħala depożitu..............;

Mill-kumpless ta' dawn il-provi jidher illi l-appellat wasal fil-prova illi l-post kellu jservi bħala store u mhux għannegozju;

Tikkunsidra;

Illi ġie pruvat li l-appellant kera l-post lill-Bank Credit Foncier Egyptienne biex jagħmluh uffiċċju tagħhom, u għalhekk jidher li dan sar kontra l-patt espress fl-iskrittura tal-lokazzjoni. Għalhekk ma hemmx bżonn tiġi eżaminata l-kawżali l-oħra tal-morożità, jew inkella nuqqas ta' puntwalità da parti ta' l-appellant;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu mingħajr taxxa bejn il-kontendenti; id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-konvenut appellant; iż-żmien mogħti fl-ewwel sentenza jibda jgħaddi mil-lum.